

Brussell, 15 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14080/18

JEUN 146
EDUC 416
SOC 693
EMPL 523

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Nru. dok. preċ.:	13940/18
Suġġett:	Riżoluzzjoni dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 – Adozzjoni

1. Fl-24 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni ippreżentat il-komunikazzjoni tagħha dwar “L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija ġdida tal-UE għaż-Żgħażaġħ”¹.
2. Fit-18 ta' Settembru 2018, il-Presidenza ppreżentat abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2021-2027².
3. Il-Grupp ta' Ħidma għaż-Żgħażaġħ (YWP) eżamina dan l-abbozz ta' Riżoluzzjoni f'diversi laqgħat³.
4. Fil-15 ta' Novembru 2018, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva t-test meħmuż.
5. Il-Kunsill huwa mistieden jadotta l-abbozz ta' Riżoluzzjoni anness fil-laqgħa tiegħu (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fis-26 u s-27 ta' Novembru 2018.

¹ Dok. 9264/18 + ADD 1 to 8 - COM(2018) 269 final

² Dok. 12206/18

³ Dok. 12645/08, 13381/18 u 13841/18

**Abbozz ta' Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill
dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh:
L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI MLAQQGĦIN FIL-KUNSILL,

JIRRIKONOXxu l-kooperazzjoni tal-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh sal-2019. L-UE ilha li bdiet kooperazzjoni ddedikata tal-Politika tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ ibbażata fuq il-prinċipji ta' parteċipazzjoni attiva u aċċess ugwali għall-opportunitajiet mill-2002⁴, f'sinerġija ma' politiki oħra mmirati lejn iż-żgħażaġh, bħall-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjieg. Il-kooperazzjoni wasslet għal bidliet politiċi u leġislattivi fl-Istati Membri u kkontribwiet għall-bini ta' kapaċitajiet tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.

IFAKKRU li peress li l-għan ta' din ir-Riżoluzzjoni huwa li titwaqqaf Strateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kapaċi li tindirizza l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa kollha, ttiprovdi bażi komuni u koerenti tar-rispons tal-UE għalihom, u tikkomplementa l-isforzi u l-inizjattivi tal-Istati Membri f'dan ir-rigward, tali għan jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-UE milli mill-Istati Membri waħedhom. Il-Kunsill jista' għalhekk jadotta inizjattivi, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jintlaħaq dan il-għan. B'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din ir-Riżoluzzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

⁴ Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas imġedded fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018) Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-gvernijiet fir-rigward tal-qafas tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh (27 ta' Ġunju 2002)

1. Iż-żgħażaġh għandhom rwol speċifiku fis-soċjetà u jħabbtu wiċċhom ma' sfidi speċifiċi

Iż-żgħażaġh huma ħerqana li jieħdu l-kontroll ta' ħajjithom u jitħalltu ma' u jappoġġaw lill-oħrajn. Meta jieħdu l-kontroll, dawn jesperjenzaw diversi tranżizzjonijiet fil-ħajja personali tagħhom u l-ambjent ta' madwarhom, mill-edukazzjoni għax-xogħol, imorru jgħixu għal rashom, sħubijiet jew jibdedew ħajja tal-familja. Bosta jiffaċċjaw inċertezzi dwar il-ġejjieni tagħhom, bħala riżultat tal-globalizzazzjoni u t-tibdil fil-klima, il-bidla teknoloġika, ix-xejriet demografiki u soċjoekonomiċi, il-populiżmu, id-diskriminazzjoni, l-esklużjoni soċjali u l-aħbarijiet foloz b'effetti li għandhom mhux magħrufa fuq l-impjiegi, il-ħiliet jew il-mod kif jaħdmu d-demokrazzi tagħna.

Għandha tingħata attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh f'riskju ta' marġinalizzazzjoni bbażata fuq sorsi potenzjali ta' diskriminazzjoni, bħall-oriġini etnika, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, id-diżabbiltà, ir-reliġjon, it-twelmin jew l-opinjoni politika tagħhom.

L-esklużjoni soċjoekonomika u dik demokratika jmorru id f'id⁵. Iż-żgħażaġh li qed jitħabtu mal-iżvantaġġi ġeneralment ikunu ċittadini inqas attivi u jkollhom inqas fiduċja fl-istituzzjonijiet. L-Ewropa ma tiflaħx għal talent moħli, esklużjoni soċjali jew diżimpenn fost iż-żgħażaġh tagħha. Iż-żgħażaġh m'għandhomx biss ikunu jistgħu jfasslu ħajjithom stess, iżda għandhom jikkontribwixxu wkoll għal bidla pożittiva fis-soċjetà. Sabiex iż-żgħażaġh jiksibu l-benefiċċji kollha tal-azzjonijiet tal-UE, dawn jeħtieġ li jirriflettu l-aspirazzjonijiet, il-kreattività u t-talenti tagħhom, u jirrispondu għall-bżonnijiet tagħhom. Min-naħa tagħhom, iż-żgħażaġh jarrikkixxu l-ambizzjonijiet tal-UE: skont ir-rapport tal-UE dwar iż-Żgħażaġh⁶ din il-ġenerazzjoni hija l-aktar waħda edukata minn kull żmien u partikolarment kapaċi fl-użu tat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u l-Komunikazzjoni u l-media soċjali.

⁵ Eurofound - taqsima dwar NEETs: <https://www.eurofound.europa.eu/topic/NEETs>

⁶ Dok. 9264/18 ADD 2 - SWD(2018) 169 final parti 1-7

2. Hija meħtieġa Strateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027

Filwaqt li tibni fuq l-esperjenzi u d-deċiżjonijiet tal-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh f' dawn l-aħħar snin⁷, l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 għandha l-għan li tindirizza l-isfidi eżistenti u li jmiss li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa kollha. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ tipprovdi qafas ta' objettivi, prinċipji, prijoritajiet, oqsma ċentrali u miżuri għal kooperazzjoni tal-politika taż-żgħażaġh għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha b'kunsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Il-partijiet ikkonċernati rilevanti huma, fost oħrajn, l-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet rilevanti tal-Unjoni Ewropea u organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, bħall-Kunsill tal-Ewropa, awtoritajiet lokali u reġjonali, kunsilli taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, organizzazzjonijiet li jaħdmu maż-żgħażaġh, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, ir-riċerkaturi u l-atturi tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-istrutturi tal-programmi Erasmus+ u l-Korp ta' Solidarjetà Ewropea u l-programmi suċċessuri tagħhom.

L-involviment u l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh kollha jippermettu lill-politika taż-żgħażaġh li tikkontribwixxi biex tintlaħaq b'suċċess il-viżjoni ta' kontinent fejn iż-żgħażaġh jistgħu jaħtfu opportunitajiet u jirrelataw mal-valuri Ewropej.

3. L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ jipprovdu viżjoni għall-Ewropa

Matul is-sitt ċiklu tad-Djalogu Strutturat bit-titolu "Iż-Żgħażaġħ fl-Ewropa: Xi jmiss?" dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, iż-żgħażaġh u r-riċerkaturi b'mod konġunt ġabru temi li kienu rilevanti għaż-żgħażaġh permezz ta' konsultazzjoni madwar l-UE kollha li mbagħad ġabruhom fi 11-il qasam. B'riżultat ta' dan il-proċess parteċipattiv li involva żgħażaġh minn madwar l-Ewropa kollha, ġew żviluppanti il-11-il Għan Ewropew dwar iż-Żgħażaġħ. Dawn jirriflettu l-opinjoni taż-żgħażaġh Ewropej u jirrappreżentaw il-viżjoni ta' dawk attivi fid-Djalogu Strutturat.

⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Investment fiż-Żgħażaġħ tal-Ewropa" (COM(2016)940), Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2018, Mejju 2017

Huma xhieda tal-ħeġġa ta' ħafna żgħażaġh Ewropej li jipparteċipaw fid-definizzjoni tad-direzzjoni li għandha tmur fiha l-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh. L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' din il-vizzjoni taż-żgħażaġh billi timmobilizza strumenti ta' politika fil-livell tal-UE kif ukoll azzjonijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali min-naħa tal-partijiet ikkonċernati kollha.

Bħala vuċi inedita mill-parteċipanti, l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ huma ppreżentati fit-tul sħiħ tagħhom fl-anness 3 biex iservu – bir-rispett dovut għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kompetenza nazzjonali u l-libertà ta' assoċjazzjoni – bħala ispirazzjoni u jipprovdu orjentazzjoni għall-UE, l-Istati Membri tagħha u l-partijiet ikkonċernati rilevanti u l-awtoritajiet tagħhom.

JILQGĦU

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni “L-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija ġdida tal-UE għaż-Żgħażaġħ” tat-22 ta' Mejju 2018⁸.

GĦALDAQSTANT JAQBLU fuq

1. Għanijiet ġenerali

Il-kooperazzjoni bejn iż-żgħażaġh tal-UE għandha tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal tal-politika dwar iż-żgħażaġh. Hija trawwem il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika, f'konformità mal-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE. Hija tappoġġa wkoll l-involvement ċiviku u soċjali u għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha jkollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jieħdu sehem fis-soċjetà.

Fis-snin li ġejjin, l-istrateġija ser tistinka biex:

- Tippermetti liż-żgħażaġh ifasslu ħajjithom stess, jappoġġaw l-iżvilupp personali tagħhom u jikbru fl-awtonomija, jibnu r-reżiljenza tagħhom u tagħtihom ħiliet għall-ħajja biex ilaħħqu ma' dinja li qed tinbidel;
- Tinkoraġġixxi u tagħti liż-żgħażaġh ir-riżorsi meħtieġa biex isiru ċittadini attivi, aġenti tas-solidarjetà u l-bidla pozzittiva ispirati mill-valuri tal-UE u ta' identità Ewropea;

⁸ Dok. 9264/18 + ADD 1 sa ADD 8 - COM(2018) 269 final

- Ittejjeb id-deċiżjonijiet politiċi fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq iż-żgħażaġh fis-setturi kollha, b'mod partikolari fl-impjiegi, l-edukazzjoni, is-saħħa u l-inklużjoni soċjali;
- Tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar fost iż-żgħażaġh u l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u tippromwovi l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh;

2. Prinċipji ta' gwida

Il-Politika Ewropea għaż-Żgħażaġħ u l-azzjonijiet kollha meħuda fi ħdan l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027 għandha tkun ankrata sew fis-sistema internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem. Il-prinċipji li ġejjin għandhom jiġu applikati fil-linji ta' politika u l-attivitajiet kollha li jikkonċernaw iż-żgħażaġh:

- Ugwaljanza u nondiskriminazzjoni: il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rikonossiment li ż-żgħażaġh huma f'riskju li jiffaċċjaw diversi forom ta' diskriminazzjoni, inkluż diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, u li josservaw il-prinċipji rikonossuti fost l-oħrajn fl-Artikoli 21 u 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- Inklużjoni: billi tagħraf li ż-żgħażaġh mhumiex grupp omoġenju, u għalhekk għandhom ħtiġijiet differenti, sfondi, sitwazzjonijiet tal-ħajja u interessi, l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandha tippromwovi attivitajiet u politiki li huma inklużivi għaż-żgħażaġh kollha, speċjalment dawk b'inqas opportunitajiet u/jew dawk li leħinhom jista' jiġi injorat.
- Parteċipazzjoni: ir-rikonossiment li ż-żgħażaġh kollha huma riżors għas-soċjetà, il-politiki u l-attivitajiet kollha li jikkonċernaw iż-żgħażaġh għandhom iżommu d-dritt taż-żgħażaġh li jipparteċipaw fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-politiki li jaffettwawhom permezz ta' parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh. F'dan il-kuntest, il-politiki għandhom jitfasslu b'rikonossiment tal-bidliet li ġabet magħha l-komunikazzjoni diġitali li taffettwa l-parteċipazzjoni demokratika u ċivika.

- D. Dimensjoni globali, Ewropea, nazzjonali, reġjonali u lokali: sabiex jiġi żgurat impatt sostenibbli fuq iż-żgħażaġh, huwa importanti li l-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh tiġi implimentata bil-ħsieb tal-interkonnessjonijiet mal-livelli reġjonali u lokali u li l-attivitajiet jitmexxew biex jappoġġaw politiki dwar iż-żgħażaġh fil-livell lokali. Fl-istess ħin, l-ilħna taż-żgħażaġh għandhom jitqiesu kull meta jkunu indirizzati kwistjonijiet globali.
- E. Approċċ doppju: Politiki li jistinkaw biex itejbu l-ħajja taż-żgħażaġh qatt ma jistgħu jkunu limitati għall-qasam taż-żgħażaġh innifsu. Għalhekk l-approċċ doppju miftiehem fil-qafas tal-kooperazzjoni preċedenti 2010-2018 għadu indispensabbli peress li għandu l-għan li jittratta kwistjonijiet rilevanti għaż-żgħażaġh fuq naħa waħda permezz ta' inizzjattivi ta' integrazzjoni bejn l-oqsma ta' politika u min-naħa l-oħra permezz ta' inizzjattivi speċifiċi fil-qasam taż-żgħażaġh.

JAQBLU ULTERJORMENT dwar

1. Ħidma rigward implimentazzjoni effettiva, iffukata u magħquda fi ħdan u bejn is-setturi

Il-ħajjiet taż-żgħażaġh jissawru permezz ta' politiki li għandhom l-għeruw tagħhom f'diversi oqsma ta' politika u f'livelli differenti ta' implimentazzjoni. B'hekk, huwa biss permezz tal-integrazzjoni taż-żgħażaġh bħala prijorità fost l-oqsma differenti ta' politika li jista' jiġi żgurat li jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet jew l-effetti speċifiċi għaż-żgħażaġh f'politiki jew programmi maħsuba. Biex tmexxi b'eżempju, għandu jiġi segwit approċċ transsettorjali fil-livell tal-UE bħala bażi fundamentali. Barra minn hekk, l-integrazzjoni taż-żgħażaġh tista' tkun effettiva biss meta din tiggarrantixxi wkoll vuċi għaż-żgħażaġh fl-oqsma ta' politika kollha possibbli li jaffettwawhom.

Il-kooperazzjoni transsettorjali għandha tissaħħaħ fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jistinkaw għas-sinerġiji, il-komplementarjetà bejn l-azzjonijiet, u inkluż involviment ikbar taż-żgħażaġh.

2. L-indirizzar tal-oqsma ċentrali tas-settur taż-żgħażaġh: Involvi ruħek. Ingħaqad mal-oħrajn. Aġhti s-setgħa lilek innifsek.

a. Involvi ruħek

Li ż-żgħażaġh jiġu pprovduti perkorsi ta' involviment fil-ħajja tagħhom ta' kuljum iżda wkoll fil-ħajja demokratika hija essenzjali għal demokrazija li tiffunzjona u għas-soċjetà inġenerali. Li l-fokus ikun fuq il-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh hija partikolarment importanti, peress li kwalunkwe deċiżjoni meħuda llum ser ikollha l-itwal impatt fuq il-ġenerazzjoni attwali ta' żgħażaġh. Barra minn hekk, il-grupp ta' età taż-żgħażaġh huwa inqas rappreżentat f'korpi politiċi u għandu inqas opportunitajiet biex jinfluwenza u jieħu sehem fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet minn gruppi ta' età oħra. L-istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandha bħala għan il-parteeipazzjoni sinifikanti ċivika, ekonomika, soċjali, kulturali u politika taż-żgħażaġh.

Għalhekk, l-involviment taż-żgħażaġh għandu jkun bażi importanti tal-kooperazzjoni ta' politika taż-żgħażaġh tal-UE futura. Dan ifisser ukoll li ż-żgħażaġh iridu jkunu involuti fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' linji ta' politika li jikkonċernawhom, bħalma huma l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kif ukoll strateġiji nazzjonali għaż-żgħażaġh. Biex tkun kemm jista' jkun inklużiva u tadatta għal sfidi attwali u ġodda, l-esplorazzjoni ta' forom ġodda u alternattivi ta' parteeipazzjoni huwa essenzjali.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA, FI ĦDAN L-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĤHOM, BIEX:

- Iħeġġu u jipromwovu l-parteeipazzjoni demokratika inklużiva taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà u l-proċessi demokratiċi;
- Jinvolvu b' mod attiv liż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u organizzaturi oħrajn tal-ħidma fost iż-żgħażaġh fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politiki li jaffettwaw il-ħajja taż-żgħażaġh fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;
- Jappoġġaw l-istabbiliment u l-iżvilupp ta' rappreżentazzjonijiet taż-żgħażaġh fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali, li jirrikonoxxu d-dritt taż-żgħażaġh li jipparteepaw u jorganizzaw lilhom infushom, ir-rikonoxximent tal-istrutturi rappreżentattivi taż-żgħażaġh u l-inklużjoni tagħhom fil-ħidma tal-awtoritajiet fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej;

- Jappoġġaw u jittrażmettu d-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġh⁹ sabiex jinkludu varjetà ta' ilħna ta' żgħażaġh fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha u jrawmu l-iżvilupp tal-kompetenzi taċ-ċittadinanza, permezz tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza u strateġiji ta' taġlim;
- Jappoġġaw u jiżviluppaw opportunitajiet ta' "taġlim biex wieħed jipparteċipa", li jżidu l-interess f'azzjonijiet parteċipattivi u jgħinu liż-żgħażaġh jippreparaw għall-parteċipazzjoni;
- Jesploraw u jipromwovu l-użu ta' forom innovattivi u alternattivi ta' parteċipazzjoni demokratika pereżempju għodod demokratiċi diġitali u jiffaċilitaw l-aċċess sabiex jappoġġaw il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika u jinvolvu liż-żgħażaġh b'mod inklussiv, filwaqt li huma konxji li xi żgħażaġh m'għandhomx aċċess għall-internet u teknoloġiji diġitali, jew il-ħiliet li jużawhom;

b. Ingħaqad mal-oħrajn

Iż-żgħażaġh fl-Ewropa qed isiru aktar u aktar konnessi. Konnessjonijiet, relazzjonijiet u skambju ta' esperjenza huma element essenzjali għas-solidarjetà u l-iżvilupp futur tal-Unjoni Ewropea. Din il-konnessjoni titrawwem l-aħjar permezz tal-forom differenti ta' mobbiltà.

Għalhekk, opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jesperjenzaw skambji, kooperazzjoni, azzjoni kulturali u ċivika f'kontest Ewropew jeħtieġ li jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh kollha. Dan jippermettilhom li jiżviluppaw u jsaħħu l-kompetenzi personali, soċjali u ċiviċi, jiżviluppaw ħsieb kritiku u kreattività, iżidu l-impjegabbiltà u jsiru ċittadini Ewropej attivi. Skambji taż-żgħażaġh u proġetti fi ħdan Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programmi suċċessuri taġħhom huma sorsi għal taġlim interkulturali u l-għoti tas-setgħa speċjalment għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.

Il-kooperazzjoni tal-UE dwar iż-żgħażaġh għandha tinfed dawn l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh. Hija għandha tibbenefika mill-programmi tal-UE bħal Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-programmi suċċessuri taġħhom, sabiex jissaħħaħ l-għarfien dwar iż-żgħażaġh u l-aspirazzjonijiet taġħhom, u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni politika u l-bini tal-komunità.

⁹ Għal aktar dettalji ara l-anness 1 dwar id-Djalogu tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ

L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandha trawwem ukoll il-grad ta' konnessjoni taż-żgħażaġh fl-UE u l-pajjiżi kandidati, is-Sħubija tal-Lvant u s-sħab tal-Balkani tal-Punent¹⁰, kif ukoll ma' pajjiżi terzi oħra li magħhom l-UE għandha ftehimiet ta' assoċjazzjoni jew kooperazzjoni, kif adatt, bl-għajnuna tal-UE permezz ta' programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA, FI ĦDAN L-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX:

- Jippermettu l-aċċess għaż-żgħażaġh kollha, kif ukoll għal persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, għall-opportunitajiet ta' mobbiltà transkonfinali, inkluż il-volontarjat fis-settur tas-soċjetà ċivili, billi jiġu eliminati ostakli u jimplimentaw miżuri ta' appoġġ b'attenzjoni speċjali liż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet;
- Iħeġġu l-involvement taż-żgħażaġh fis-solidarjetà, il-promozzjoni ta' skemi ta' appoġġ u jfittxu li jkun hemm komplementarjetà u sinerġiji bejn strumenti ta' finanzjament tal-UE u skemi nazzjonali, reġjonali u lokali
- Jinvolvu b'mod attiv iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' programmi ta' finanzjament rilevanti tal-UE;
- Jikkondividu l-aħjar prattiki u jkomplu jaħdmu fuq sistemi effettivi għall-validazzjoni u r-rikonoxximent ta' ħiliet u kompetenzi miksuba permezz ta' taġlim mhux formali u informali, inkluż is-solidarjetà u attivitajiet ta' volontarjat, li jkomplu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2012 dwar il-validazzjoni tat-taġlim mhux formali u informali.

c. **Aġti s-setgħa lilek innifsek**

L-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh tfisser li dawn jiġu mħeġġa jieħdu l-kontroll ta' ħajjithom. Dan jirrikjedi r-riżorsi u l-għodod meħtieġa u ambjent li huwa lest li jagħti l-attenzjoni kif xieraq lill-vuċi taż-żgħażaġh. Illum, iż-żgħażaġh madwar l-Ewropa qed iħabbtu wiċċhom ma' diversi sfidi, bħad-diffikultajiet fl-aċċess tagħhom għad-drittijiet soċjali, l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, kif ukoll theddid li jirriżulta minn aħbarijiet foloz u propaganda.

¹⁰ https://ec.europa.eu/neighbourhood-enlargement/policy/eu-and-western-balkans_en

Sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u għalhekk jippermettu verament l-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh, hija meħtieġa ħidma kollaborattiva fuq il-politiki li jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika taż-żgħażaġh u konsegwentement itejbu l-ħajja taż-żgħażaġh fl-UE.

F'dan il-kuntest, il-ħidma fost iż-żgħażaġh fil-forom kollha tagħha, tista' sservi bħala katalist għal għoti ta' setgħa: Il-ħidma fost iż-żgħażaġh iġġib benefiċċji uniċi għaż-żgħażaġh fit-transizzjoni tagħhom għall-ħajja adulta¹¹, li tipprovdi ambjent sikur għalihom biex jiksbu kunfidenza fihom infushom, u jitgħallmu b'mod mhux formali. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija magħrufa li tagħti liż-żgħażaġh kompetenzi u ħiliet ewlenin personali, professjonali u intraprenditorjali bħall-ħidma f'tim, it-tmexxija, il-kompetenzi interkulturali, il-ġestjoni ta' proġetti, is-soluzzjoni tal-problemi u l-ħsieb kritiku. F'xi każijiet, il-ħidma fost iż-żgħażaġh hija l-pont fl-edukazzjoni, it-taħriġ jew ix-xogħol, u b'hekk tiġi evitata l-esklużjoni.

Sabiex jinkisbu dawn il-benefiċċji, hemm ħtieġa akbar għar-rikonoxximent ta' taġħlim mhux formali u informali permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, ta' benefiċċju speċjalment għal dawk bi f'tit kwalifiki formali, bħala mod kif titjeb l-impjegabbiltà. Ir-rikonoxximent jista' jitjeb b'użu aktar sistematiku ta' għodod ta' kwalità.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA, FI ĦDAN L-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĤHOM, BIEX:

- Jiżviluppaw u jimplementaw Aġenda Ewropea tax-Xogħol għaż-Żgħażaġħ għall-kwalità, l-innovazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħidma fost iż-żgħażaġh. Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ, huwa meħtieġ li jintegraw l-għarfien espert ta' rappreżentazzjonijiet fost iż-żgħażaġh, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u r-riċerkaturi. Għandhom jinkoraġġixxu aktar sinerġiji mal-ħidma mwettqa mill-Kunsill tal-Ewropa f'dan il-qasam;
- Jappoġġaw ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġh għall-iżvilupp lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew, inkluż l-iżvilupp tal-politika fil-qasam, taħriġ għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, l-istabbiliment ta' oqfsa legali u allokkazzjoni suffiċjenti ta' riżorsi;

¹¹ Grupp ta' esperti dwar il-"kontribuzzjoni tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u t-taġħlim mhux formali u informali biex jindirizza l-isfidi li jiffaċċjaw iż-żgħażaġh, b'mod partikolari t-transizzjoni mill-edukazzjoni għall-impjeg".

http://ec.europa.eu/assets/eac/youth/library/reports/contribution-youth-work-summary_en.pdf

- Jappoġġaw l-attivitajiet ta' ħidma fil-qasam taż-żgħażaġħ fil-livelli kollha, inkluż fil-livell lokali, u r-rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ bħala fornituri tal-kompetenzi, l-iżvilupp u l-inklużjoni soċjali permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġħ u attivitajiet ta' edukazzjoni mhux formali, filwaqt li jiġu rispettati l-attivitajiet nazzjonali, reġjonali u lokali f'dan il-qasam;
- Joħolqu u jiżviluppaw aktar, meta u fejn ikun possibbli, punti ta' kuntatt faċilment aċċessibbli għaż-żgħażaġħ li joffru firxa wiesgħa ta' servizzi u/jew jipprovdu informazzjoni, inkluż gwida finanzjarja, gwida u appoġġ rigward il-karrieri, is-saħħa u r-relazzjonijiet u opportunitajiet edukattivi, kulturali u ta' impjieg.

GĦALDAQSTANT JISTIENDNU LILL-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI EWROPEA FI ĦDAN L-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM, BIEX::

3. Jikkooperaw fuq il-Bażi ta' Strumenti u Governanza

Biex tiġi implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ madwar l-UE u fl-Istati Membri, huma meħtieġa strumenti konkreti. Il-miżuri li ġejjin ser jintużaw biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ fejn adatt fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali, Ewropew u globali:

- a. Tfassil ta' politika taż-żgħażaġħ ibbażata fuq l-evidenza u l-bini tal-għarfien: Il-Politika tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza u msejsa fuq il-ħtiġijiet u s-sitwazzjonijiet reali taż-żgħażaġħ. Dan jirrikjedi riċerka kontinwa, l-iżvilupp tal-għarfien u s-sensibilizzazzjoni taż-żgħażaġħ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ. Il-ġbir ta' data diżaggregata dwar iż-żgħażaġħ huwa ta' importanza partikolari biex jitravwem fehim tal-ħtiġijiet ta' gruppi differenti ta' żgħażaġħ, b'mod partikolari dawk b'inqas opportunitajiet. It-tfassil tal-politika bbażata fuq l-evidenza għandu jitwettaq bl-appoġġ tal-Wiki taż-Żgħażaġħ, netwerks ta' riċerka taż-żgħażaġħ, il-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa, l-OECD u korpi oħra, inkluż organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ.

- b. Tagħlim reċiproku u tixrid: It-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni Ewropea u l-partijiet ikkonċernati rilevanti għandu jkun għodda għall-iżvilupp tal-politika taż-żgħażaġh fir-rigward ta' oqsma ewlenin kif ukoll trasversali. Il-gruppi ta' esperti ser ikomplu jżviluppaw gwida politika, għodod prattiċi u jaqsmu prattiki tajbin; din l-istrateġija ser toffri għodod ġodda għat-tagħlim reċiproku, bħal evalwazzjonijiet bejn il-pari u konsulenza bejn il-pari, forums ta' livell għoli, analiżijiet u studji, li inġenerali jsegwu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ, u fi ħdan Pjanijiet ta' Ħidma triennali. Din ser issegwi approċċ aktar sistematiku għall-informazzjoni ta' kwalità dwar iż-żgħażaġh, għas-sensibilizzazzjoni u t-tixrid, billi tibni fuq in-netwerks eżistenti tagħha.
- c. Governanza parteċipattiva: Sabiex iż-żgħażaġh jiġu rikonoxxuti bħala esperti ta' ħajjithom stess, huwa kruċjali li jiġi żgurat li iż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom jiġu involuti fil-fażijiet differenti tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Il-parteċipazzjoni tkabbar il-viżibbiltà taż-żgħażaġh u t-tħassib tagħhom, iżda żżid ukoll il-viżibbiltà f'għajnejn iż-żgħażaġh ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-politika taż-żgħażaġh. Il-parteċipazzjoni għandha l-għan ukoll li żżid il-leggittimità u rikonoxximent tal-politiki dwar iż-żgħażaġh. Sabiex tinbena bażi għal djalogu ċiviku regolari, il-partijiet ikkonċernati jingħataw rwol akbar fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-istrateġija, u jiġu offruti opportunitajiet biex jiskambjaw informazzjoni dwar l-attivitajiet u r-riżultati, Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ ser ikollha l-għan li tiffaċilita governanza parteċipattiva u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Il-Kummissjoni hija mistiedna torganizza laqgħat iddedikati li jlaqqgħu flimkien, kif xieraq, rappreżentanti tal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-Aġenziji Nazzjonali ta' Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, kif ukoll l-awtoritajiet lokali u reġjonali.
- d. Mobilizzazzjoni tal-programmi u l-fondi tal-UE: L-istrateġija ser tippromwovi l-użu effettiv tal-programmi u l-fondi tal-UE, bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, l-Orizzont 2020, inkluż l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie, l-Ewropa Kreattiva u s-suċċessuri tagħhom. L-Istati Membri huma mistiedna jesploraw is-sinerġiji bejn is-sorsi ta' finanzjament fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali.

- e. Monitoraġġ tal-fondi tal-EU: It-trasparenza dwar azzjoni tal-UE għaż-żgħażaġġ, għandha tinkludi l-monitoraġġ tal-infiq tal-UE fuq iż-żgħażaġġ, bl-użu kif xieraq tal-mekkaniżmi eżistenti.
- f. Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ: Filwaqt li jżommu f'moħħhom id-diversi partijiet ikkonċernati involuti fit-tfassil tal-politika għaż-żgħażaġġ, huwa importanti li jiġu kkomunikati l-fini u l-kontenut tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ b' mod komprensiv u f'lingwa adatta għaż-żgħażaġġ. L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ flimkien mal-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġġ jistgħu jipprovdu orjentazzjoni għal persuni involuti mill-qrib fit-tfassil tal-politika taż-żgħażaġġ kif ukoll atturi lil hinn minn dak il-qasam, fil-ħolqien ta' narrattiva għida u pożittiva dwar il-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġġ u tal-Ħidma fost iż-Żgħażaġġ fl-Ewropa.
- g. Pjanifikatur tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri¹²: Il-Pjanifikatur tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri (FNAP) għandu l-intenzjoni li jippermetti lill-Istati Membri sabiex fuq bażi volontarja jaqsmu l-prijoritajiet tagħhom skont l-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ. L-għan tagħhom huwa li jżidu t-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-politiki dwar iż-żgħażaġġ fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE. Dan għandu jgħin biex jiġu identifikati sħab adatti għal attivitajiet ta' tagħlim reċiproku, bi tweġiba għal ħtiġijiet individwali tal-Istati Membri. Sabiex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali, il-FNAPs għandhom jibnu fuq l-oqfsa ta' politika nazzjonali taż-żgħażaġġ /strateġiji nazzjonali taż-żgħażaġġ eżistenti.
- h. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġġ¹³: Filwaqt li jibni fuq il-kisbiet ta' Djalogu Strutturat maż-żgħażaġġ u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġġ, Djalogu maż-Żgħażaġġ tal-UE għdid ser jiġi stabbilit, bl-għodod meħtieġa, bil-għan li jiġu inklużi aktar persuni li jieħdu d-deċiżjonijiet u żgħażaġġ, speċjalment dawk mhux mismugħa u/jew b'inqas opportunitajiet fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġġ, sabiex jitravwem l-involviment tagħhom u l-parteciġazzjoni politika tagħhom fl-UE u fis-soċjetà inġenerali. Barra minn hekk, għandu jiġi ffaċilitat skambju aktar regolari bejn il-Gruppi ta' Ħidma Nazzjonali għad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġġ u l-Kummissjoni Ewropea.

¹² Għal aktar dettalji ara l-anness 2 dwar il-Pjanifikatur tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri

¹³ Għal aktar dettalji ara l-anness 1 dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġġ

- i. Il-Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ: Il-Kunsill jilqa' l-intenzjoni li jstabilixxi Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ fi ħdan il-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni transsettorjali, kif ukoll l-iżvilupp u l-iskambju tal-għarfien dwar kwistjonijiet taż-żgħażaġh fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni Ewropea. Koordinatur tal-UE għaż-Żgħażaġħ għandu jaħdem id f'id ma' diversi partijiet ikkonċernati sabiex tiġi żgurata komunikazzjoni koerenti maż-żgħażaġh.
- j. Informazzjoni u Appoġġ taż-Żgħażaġħ: bil-forniment adegwat ta' servizzi u pjattaformi ta' informazzjoni taż-żgħażaġh ta' kwalità fil-livelli kollha, inkluż il-Portal għaż-Żgħażaġħ Ewropej, u bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet Ewropej kollha, jista' jiġi promoss aċċess ugwali għaż-żgħażaġh għal informazzjoni ta' kwalità dwar id-drittijiet u l-opportunitajiet tagħhom, is-servizzi u l-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh;
- k. Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ: L-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ ser tkun qed issegwi perijodi triennali ta' ħidma tul żewġ Triji ta' Presidenzi. Il-prijoritajiet u l-azzjonijiet għall-perijodi ta' ħidma rispettivi ser jiġu ppreżentati fil-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Il-Kunsill għandu jiffissa dawn il-Pjanijiet ta' Ħidma tal-UE flimkien mal-Kummissjoni, billi jibda bi pjan ta' ħidma 2019-2021¹⁴. Dawn il-pjanijiet għandhom jieħdu mill-prinċipji u prijoritajiet ta' din l-Istrateġija, u jindirizzaw kwistjonijiet taż-żgħażaġh f'konfigurazzjonijiet oħra tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom fl-oqsma ta' politika rilevanti.

¹⁴ Għal aktar dettalji ara l-anness 4 dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2021

- l. Monitoraġġ, rappurtar, evalwazzjoni: Sabiex il-progress tal-koordinazzjoni politika jkun rieżaminat u ffaċilitat, għandu jitwettaq monitoraġġ perjodiku tal-progress miksub. Prattiki tajbin u l-kundizzjonijiet tagħhom għat-trasferibbiltà għandhom jiġu identifikati biex jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri. Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kull tliet snin, ibbażata, fost l-oħrajn, fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri u l-Wiki taż-Żgħażaġħ. Il-Wiki taż-Żgħażaġħ ser ikompli jipprovdi informazzjoni dwar l-iżvilupp ta' politiki nazzjonali għaż-żgħażaġh. Fil-livell tal-UE, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra ser ikunu involuti mill-qrib fil-monitoraġġ tal-progress permezz tal-Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE. Il-Kwadru Operattiv ta' Indikaturi tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ jista' jintuża biex tkun issorveljata s-sitwazzjoni ġenerali taż-żgħażaġh fl-Istati Membri. L-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea huma mistiedna jirriżaminaw il-Kwadru Operattiv ta' Indikaturi fl-ewwel sena wara l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Jistgħu jkunu stabbiliti indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi u parametri referenzjarji, imfassla skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri u s-setturi involuti, bħala mezz sabiex jiġu mqabbla l-aħjar prattiki u tkun immonitorjata l-implimentazzjoni tal-istrateġija. Għandu jsir rieżami tal-politika tal-proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE fl-2019 biex jiġu estratti s-sejbiet rilevanti għall-qasam tal-politika taż-żgħażaġh.
- m. Rieżami ta' Nofs it-Terminu: Il-Kunsill għandu jwettaq rieżami ta' nofs it-terminu tal-EUYS abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni li għandu jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2023. Hija għandha tirriżamina kif xieraq din ir-Riżoluzzjoni fis-sena 2024, sabiex taġġustaha għal żviluppi u ħtiġijiet ġodda possibbli.

- Anness 1 dwar id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ -

1. Introduzzjoni

"Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ" tfisser id-djalogu maż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh li jinvolvu dawk li jfasslu l-politika u jieħdu d-deċizzjonijiet, kif ukoll l-esperti, ir-riċerkaturi u atturi tas-soċjetà ċivili rilevanti oħra, kif xieraq. Dan iservi bħala forum għal riflessjoni konġunta kontinwa u konsultazzjoni dwar il-prijoritajiet, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh¹⁵.

Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ huwa l-evoluzzjoni tal-proċess ta' Djalogu Strutturati li ġie stabbilit minn riżoluzzjoni dwar il-qafas imġedded ta' kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh (2010-2018) u żviluppat aktar fis-snin ta' wara, skont ir-riżultati ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kontinwi¹⁶.

Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-iżvilupp futur tad-Djalogu Strutturati adottat f' Mejju 2017 stiednet lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni "*sabiex iwettqu rieżami tal-proċess ta' Djalogu Strutturati u l-objettivi tiegħu għall-Kooperazzjoni Ewropea fil-Qasam taż-Żgħażaġħ Wara l-2018 u jikkunsidraw modi innovattivi u effettivi li jippromwovu djalogu u involviment sinifikanti u kostruttivi ma' żgħażaġh minn ambjenti differenti, ma' organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, riċerkaturi żgħażaġh u ma' dawk li jfasslu l-politika inkluż partijiet ikkonċernati minn setturi rilevanti oħra.*"¹⁷

2. L-objettivi ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-objettivi ġenerali u jsegwi l-prinċipji ta' gwida tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ kif deskritt fir-Riżoluzzjoni ta' hawn fuq.

¹⁵ Dok. 11865/18, Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi "Erasmus": il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

¹⁶ Dok. 9264/18 ADD 1 Dokument ta' ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar ir-Riżultati tal-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh 2010-2018 Li jakkumpanja l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impenn, il-Konnessjoni u l-Għoti tas-Setgħa liż-żgħażaġh: Strateġija ġdida tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ tal-UE.

¹⁷ Dok. 9632/17 Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar id-Djalogu Strutturati u l-iżvilupp futur tad-djalogu maż-żgħażaġh fil-kuntest tal-politiki għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh, wara l-2018.

L-objettivi speċifiċi ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ huma li:

- a) iħeġġeġ il-parteeċipazzjoni taż-żgħażaġħ fil-ħajja demokratika fl-Ewropa, skont l-Artikolu 165 TFUE;
- b) jippromwovi l-parteeċipazzjoni ugwali bejn in-nisa u l-irġiel żgħażaġħ;
- c) jinkludi varjetà ta' vuċijiet u jiżgura l-ftuħ għaż-żgħażaġħ kollha biex jikkontribwixxu fit-tfassil tal-politika;
- d) iġib bidla pożittiva fil-politika taż-żgħażaġħ fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropew;
- e) isaħħaħ il-kompetenzi taċ-ċittadinanza taż-żgħażaġħ u s-sens ta' appartenenza fis-soċjetà u fl-Unjoni Ewropea.

3. L-implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ preferibbilment għandu jsegwu ċikli ta' ħidma ta' 18-il xahar bi prijorità tematika waħda għal kull ċiklu li hija marbuta mill-qrib mal-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ u l-Għanijiet Ewropej għaż-Żgħażaġħ fejn adatt.

Kull ċiklu għandu jibni fuq it-tagħlimiet ta' dak preċedenti. Segwitu kontinwu huwa vitali biex ikunu ssorveljati l-eżiti tal-kwalità u l-impatt b' mod ġenerali tal-proċess kollu. Proċeduri għall-kejl tal-impatt, kwalitattivi u/jew kwantitattivi, għandhom jitwettqu matul il-fażijiet kollha tal-proċess mis-sħab involuti kollha fil-livell xieraq.

Wara l-objettivi msemmija hawn fuq, id-Djalogu għaż-Żgħażaġħ għandu jibni fuq approċċi favur il-parteeċipazzjoni fi stadji differenti:

- a) Informazzjoni dwar il-possibiltajiet ta' parteeċipazzjoni kif ukoll dwar it-tema ġenerali, ipprovduta mil-livelli lokali sa dak Ewropew;
- b) Konsultazzjoni, inkluż metodi ta' interazzjoni online u offline kif ukoll ta' riżultati ta' riċerka bbażata fuq l-evidenza;
- c) Djalogu dirett bejn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u ż-żgħażaġħ, li jibni fuq l-aħjar prattiki fl-approċċi metodoloġiċi żviluppati fid-Djalogu Strutturati s'issa, kif ukoll fuq l-innovazzjoni kontinwa f'dan ir-rigward;
- d) Is-sħubija kontinwa fil-governanza tal-proċess fil-livell nazzjonali u Ewropew, inkluż sħubiji mas-setturi rilevanti skont is-suġġett taċ-ċiklu fejn xieraq.

4. Governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ

Il-governanza tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ għandha tkompli tibni fuq l-esperjenza mill-passat, waqt li timmira għal proċess aktar ċar u aktar effiċjenti.

Biex tkun appoġġata l-implimentazzjoni u l-governanza ta' Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, varjetà ta' sħubijiet fuq diversi livelli tista' tkun ta' benefiċċju, pereżempju mal-Kunsilli taż-Żgħażaġħ, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati oħra fil-qasam taż-żgħażaġh kif ukoll sħab minn setturi oħra.

L-Istati Membri huma mħeġġa jippermettu l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-fażijiet kollha ta' implimentazzjoni tad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ billi jingħata fost l-oħrajn rwol ewlieni fil-Grupp ta' Ħidma Nazzjonali għall-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażaġħ.

- Anness 2 dwar il-Pjanifikatur tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri -

Sabiex tiżdied it-trasparenza fl-implimentazzjoni tal-politiki taż-żgħażaġh fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-UE, il-Pjanifikaturi tal-Attivitajiet Nazzjonali Futuri (FNAPs) għandhom l-intenzjoni li jippermetti lill-Istati Membri sabiex fuq bażi volontarja jikkondividu l-prijoritajiet tagħhom f'konformità mal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ.

Il-politiki taż-żgħażaġh fi Stati Membri huma fost l-aktar strumenti importanti għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ. Ħafna drabi dawn jiġu kkonsolidati fi strateġija nazzjonali taż-żgħażaġh jew dokument ekwivalenti fl-ippjanar tal-politika taż-żgħażaġh. Il-kontenut ta' dawn l-istrateġiji nazzjonali taż-żgħażaġh jista' jkun tassew rilevanti għal Stati Membri oħra biex jippermettilhom li jistabbilixxu sinerġiji, jiffaċilitaw it-tagħlim bejn il-pari u jgħinu biex jiġu identifikati u miġbura flimkien interessi differenti u bżonnijiet speċifiċi tal-Istati Membri fl-iżvilupp tal-politika taż-żgħażaġh.

L-għan tal-ġbir tal-prijoritajiet nazzjonali futuri fil-qasam taż-żgħażaġh huwa li:

- joħloq bażi tal-għarfien li tispira proġetti u attivitajiet potenzjali bilaterali jew multilaterali fil-qasam tat-tfassil ta' politika dwar iż-żgħażaġh;
- jippermetti lill-Istati Membri jinvolvu ruħhom strateġikament ma' Stati Membri oħra fir-rigward tal-ħtiġijiet nazzjonali u strateġiji futuri;
- jidentifika oqsma għal tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri;
- jagħti lill-attivitajiet reġjonali u nazzjonali rwol fix-xena Ewropea.

Fil-FNAPs tagħhom, l-Istati Membri jistgħu:

- jinnominaw atturi responsabbli;
- jiddeskrivu t-traduzzjoni tal-prijoritajiet Ewropej fil-kuntest nazzjonali, biex dawn jiġu konnessi ma' azzjonijiet konkreti;
- jistabbilixxu kif l-azzjonijiet fil-pjanijiet jorbtu mal-programmi nazzjonali u tal-UE ta' finanzjament għaż-żgħażaġh, bħall-Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Garanzija

għaż-Żgħażaġħ u l-programmi suċċessuri tagħhom taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027.

L-iżvilupp ta' FNAPs idealment għandu jsegwi l-prinċipju tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika. L-involviment tal-aġenziji nazzjonali għal Erasmus + u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f' dan il-proċess jista' jiġi mħeġġeġ ukoll, flimkien mal-kooperazzjoni ma' atturi transettorjali differenti.

Sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal tat-tagħlim reċiproku u s-sinerġiji, il-FNAPs għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

- Anness 3 dwar l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ -

L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġh¹⁸ huma r-riżultat tas-6 ċiklu tad-Djalogu Strutturat maż-żgħażaġh, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra li seħħ taħt it-titolu "Iż-Żgħażaġħ fl-Ewropa: Xi jmiss?". L-għan ta' dan iċ-ċiklu kien li jinġabru l-ilħna taż-żgħażaġh u jikkontribwixxu flimkien sabiex tinholq tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027.

L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ jippreżentaw viżjoni għal Ewropa li tippermetti liż-żgħażaġh jirrealizzaw il-potenzjal sħiħ tagħhom. Huma jidentifikaw oqsma transettorjali li jaffettwaw ħajjet iż-żgħażaġh u jindikaw liema sfidi jeħtieġ li jiġu indirizzati.

L-ewwel fażi tas-6 ċiklu tad-Djalogu Strutturat iffoka fuq ħsieb miftuħ u d-definizzjoni ta' fehim komuni dwar it-tema taċ-ċiklu. Iż-żgħażaġh, flimkien ma' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, identifikaw suġġetti rilevanti għat-tfassil tal-politika fil-qasam taż-żgħażaġh, li servew lir-riċerkaturi involuti bħala bażi għat-tfassil ta' konsultazzjoni madwar l-Ewropa kollha. Fil-fażi ta' konsultazzjoni ta' wara, żgħażaġh minn madwar l-Ewropa kollha, li ġejjin minn firxa wiesgħa ta' sfondi kienu involuti permezz ta' gruppi fokus, sħarriġ u metodi oħra. Filwaqt li jibnu fuq ir-riżultati ta' din il-konsultazzjoni, id-delegati taż-żgħażaġh u min jieħu d-deċiżjonijiet flimkien ifformulaw il-11-il Għan Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ elenkati hawn taħt, li ġew milqugħa tajjeb ħafna mill-Ministri fid-dibattitu ta' orjentazzjoni li ġej tal-Kunsill taż-Żgħażaġħ tal-UE. L-aħħar fażi taċ-ċiklu ffoka fuq l-ippjanar ta' azzjonijiet konkreti u l-esplorazzjoni ta' modi dwar kif jiġu implimentati l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ.

Fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea huma mistiedna li fost oħrajn jispiraw ruħhom mill-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ u jinkludu din il-viżjoni kull fejn ikun xieraq fil-politiki u l-aġendi kollha relatati.

¹⁸

www.youthgoals.eu

L-ikoni tal-Għanijiet dwar iż-Żgħażaġħ ġew iddisinjati minn Mireille van Bremen u jistgħu jitniżżlu flimkien mal-manwal tad-disinn.

B'kont debitu għas-sussidjarjetà, l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ għandhom ikunu trattati skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni u ċ-ċirkostanzi nazzjonali. L-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ ma jirrappreżentawx għanijiet legalment vinkolanti.



#1 KONNESSJONI BEJN L-UE U Ż-ŻGHAŻAĠH

Sfond: Għadd dejjem akbar ta' żgħażaġh għandhom nuqqas ta' fiduċja fl-UE, jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-fehim tal-prinċipji, il-valuri, u l-funzjonament tagħha. Defiċits demokratiċi fil-proċessi tal-UE ġew ukoll identifikati bħala waħda mir-raġunijiet għal ewroxettiċiżmu li qed jiżdied fost iż-żgħażaġh.

Għan: Jitrawwem is-sens ta' appartenenza taż-żgħażaġh għall-proġett Ewropew u jinbena pont bejn l-UE u ż-żgħażaġh biex terġa' tinkiseb il-fiduċja u tiżdied il-parteċipazzjoni.

Miri

- Jiġi ggarantit l-involviment u d-djalogu sinifikanti taż-żgħażaġh fl-istadji kollha tat-teħid ta' deċiżjoni tal-UE billi jittejbu l-mekkaniżmi parteċipatorji eżistenti u jinħolqu oħrajn ġodda.
- Jiġi żgurat aċċess ugwali għall-informazzjoni ta' kwalità, imparzjali u adatta għaż-żgħażaġh dwar kif taħdem l-UE, kif jistgħu jinvolvu ruħhom fiha u x'opportunitajiet toffri.
- Jintroduċu u jżidu l-edukazzjoni dwar l-Ewropa u l-UE f'ambjenti formali u mhux formali.
- Tiġi żgurata rappreżentanza ġusta tal-istati membri kollha fil-korpi politiċi u amministrattivi tal-UE, f'konformità mal-prinċipju ta' ċittadinanza ugwali.
- Jiżdied il-baġit u l-impatt tal-programmi tal-UE dwar iż-żgħażaġh.
- Il-bini tal-fiduċja taż-żgħażaġh fil-proġett tal-UE billi jiġi indirizzat id-defiċit demokratiku, in-nuqqas ta' trasparenza u viżibilità.
- Tiġi istituzzjonalizzata l-valutazzjoni tal-impatt u l-effett tal-politiki tal-UE, kif ukoll tal-adattament tagħhom għaż-żgħażaġh.



#2 L-UGWALJANZA GĦALL-ĠENERI KOLLHA¹⁹

Sfond: Diskriminazzjoni bbażata fuq il-ġeneru għadha taffettwa ħafna żgħażaġh, speċjalment in-nisa żgħażaġh. Opportunitajiet indaqs u aċċess għad-drittijiet jeħtieġ li jiġu żgurati għaż-żgħażaġh tal-ġeneri kollha inkluż żgħażaġh mhux binarji u LGBTQI+²⁰.

Għan: Tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-ġeneri kollha u l-approċċi sensitivi għall-ġeneri fl-oqsma kollha tal-ħajja ta' persuna żagħżuġha.

Miri

¹⁹ B'kont debitu għas-sussidjarjetà, "il-ġeneri kollha" għandhom ikunu trattati skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni u ċ-ċirkostanzi nazzjonali.

²⁰ L-abbrevjazzjoni "LGBTQI +" għandha l-għan li tiġbor identitajiet mhux eterosesswali u/jew mhux binarji, l-ittri jfissru Leżbjani, Gay, Bisesswali, Transġeneru, Queer/Questioning, Intersesswali, il-+ jissimbolizza li l-lista mhijiex eżawrjenti

- Tiġi ttrattata d-diskriminazzjoni u jiġu żgurati drittijiet ugwali għall-ġeneri kollha fil-ħajja kulturali, ta' politika u soċjoekonomika.
- Jinkiseb għarfien universali tal-inugwaljanza u d-diskriminazzjoni sessista, b' mod partikolari fil-media.
- Tintemm il-vjolenza sessista billi tiġi indirizzata u ttrattata b' mod effettiv fil-forom kollha tagħha.
- Jiġu eliminati r-rwoli stereotipiċi tal-ġeneri u jitħaddnu l-identitajiet diversi tal-ġeneru fis-sistemi edukattivi, il-ħajja tal-familja, fuq il-post tax-xogħol, u oqsma oħra tal-ħajja.
- Tintemm id-diskriminazzjoni strutturali sessista fis-suq tax-xogħol u jiġu żgurati drittijiet, aċċess u opportunitajiet ugwali.
- Tiġi żgurata paga ugwali għal xogħol ugwali u l-kondiviżjoni ugwali tar-responsabbiltajiet tax-xogħol tal-indukrar.
- Jiġi żgurati l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni formali u mhux formali, u li t-tfassil tas-sistemi tal-edukazzjoni jsegwi approċċi sensitivi għall-ġeneri.

3 SOĊJETAJIET INKLUŻIVI



***Sfond:** Terz taż-żgħażaġh fl-Ewropa huma f'riskju ta' faqar u esklużjoni soċjali. Ħafna ma għandhomx aċċess għad-drittijiet soċjali tagħhom. Ħafna jkomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla, jesperjenzaw preġudizzju u atti kriminali ta' preġudizzju. Il-fenomeni migratorji ġodda ġabu magħhom diversi sfidi soċjali u marbuta mal-inklużjoni. Għalhekk, huwa kruċjali li jkun ssir ħidma favur l-issodisfar tad-drittijiet taż-żgħażaġh kollha fl-Ewropa, inklużi dawk l-aktar emarġinati u esklużi.*

Għan: Tiġi permessa u żgurata l-inklużjoni taż-żgħażaġh kollha fis-soċjetà.

Miri

- Tiġi pprovduta protezzjoni legali u jiġu infurzati strumenti legali internazzjonali għall-ġlieda kontra kull tip ta' diskriminazzjoni u diskors ta' mibegħda, filwaqt li jiġi rikonoxxut li ż-żgħażaġh huma soġġetti għal forom multipli ta' diskriminazzjoni.
- Tissaħħaħ il-kapaċità li l-informazzjoni tasal għand żgħażaġh emarġinati, biex ikun żgurati li huma jkunu konxji tal-ispazji, l-opportunitajiet u l-esperjenzi disponibbli għalihom.
- Jiġi żgurati li ż-żgħażaġh emarġinati kollha jkollhom aċċess ugwali għal ambjenti ta' taġħlim formali u mhux formali, li jindirizzaw id-dimensjonijiet kollha tal-inklużjoni.
- Jissaħħu l-kapaċitajiet tal-edukaturi li jaħdmu maż-żgħażaġh emarġinati.
- Jiġu pprovduti aktar spazji, opportunitajiet, riżorsi u programmi li jrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali, u jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni.
- Jissaħħaħ l-appoġġ soċjali billi jiġi implimentat id-dritt għal paga li tiggarrantixxi l-għajxien,

kundizzjoni għal xogħol ġust, aċċess universali għal kura tas-saħħa ta' kwalità, u jiġu żgurati miżuri speċifiċi għal żgħażaġh emarġinati.

- Jiġi żgurat li żgħażaġh emarġinati jipparteċipaw fil-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jkunu atturi ewlenin, b'mod partikolari fi proċessi li jikkonċernaw id-drittijiet, il-benesseri u l-interessi tagħhom stess.



4 INFORMAZZJONI U DJALOGU KOSTRUTTIV

Sfond: Iż-żgħażaġh jesperjenzaw diffikultajiet biex jivverifikaw il-preċiżjoni u l-affidabbiltà tal-informazzjoni. Jeħtieġ li dawn ikunu mġhammra b'mod aktar adegwat biex jinnavigaw fl-isfera tal-media u biex jipparteċipaw fi djalogu konstruttiv.

Għan: Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess aħjar għal informazzjoni affidabbli, tiġi sostnuta l-abbiltà tagħhom li jevalwaw l-informazzjoni b'mod kritiku u jimpenjaw ruħhom fi djalogu konstruttiv u parteċipatorju.

Miri

- Iż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa li jkunu utenti u produtturi kritiċi u responsabbli tal-informazzjoni.
- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom l-abbiltà li jirrikonoxxu u jirrappurtaw l-aħbarijiet qarrieqa ripetutament u jivverifikaw il-preċiżjoni tas-sorsi użati tal-aħbarijiet.
- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom l-abbiltà li jirrikonoxxu u jirrappurtaw diskors ta' mibegħda u diskriminazzjoni online u offline.
- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom fi djalogu ta' rispett u tolleranti, mhux vjolenti, online u offline.
- Jiġi żgurat aċċess faċli għal informazzjoni li tinftiehem adatta għaż-żgħażaġh u li ssegwi l-kodiċi ta' etika u l-istandards ta' kwalità
- Jiġi żgurat li l-ġenituri u l-persuni li jindukraw, u daww kollha involuti fl-edukazzjoni u t-taħriġ taż-żgħażaġh ikunu mġhammra b'kompetenzi fil-qasam tal-media u dak diġitali u li huma jkunu sorsi ta' informazzjoni affidabbli għaż-żgħażaġh.



5 SAĦĦA U BENESSRI MENTALI

Sfond: Għadd sinifikanti u li qed jiżdied ta' żgħażaġh madwar l-Ewropa qed jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-prevalenza ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali bħal livell għoli ta' stress, ansjetà, dipressjoni u mard mentali ieħor fost il-pari tagħhom. Iż-żgħażaġh isemmu l-persjonijiet soċjetali enormi li jiffaċċjaw illum, u jesprimu l-ħtieġa ta' servizzi tal-kura tas-saħħa mentali aħjar għaż-żgħażaġh.

Għan: Jinkiseb benessri mentali aħjar u tintemm l-istigmatizzazzjoni ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali, biex b'hekk tiġi promossa l-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha.

Miri

- Jiġi inkoraġġut l-iżvilupp tal-ġharfien tagħhom infushom u inklinazzjonijiet inqas kompetittivi billi jitrawwem l-apprezzament tal-ħiliet u l-kapaċitajiet individwali.
- Jitħarsu d-drittijiet għax-xogħol u l-istudju ta' persuni bi problemi ta' saħħa mentali kemm waqt kif ukoll wara l-mard biex tkun żgurata l-abbiltà tagħhom li jwettqu l-ambizzjonijiet tagħhom.
- Jiġi żviluppat approċċ intersezzjonali inklużiv għas-servizzi tal-kura tas-saħħa mentali għal kulħadd, speċjalment għall-gruppi emarġinati.
- Il-professjonisti kollha li jaħdmu maż-żgħażaġh kif ukoll il-familja u l-ħbieb jiġu pprovduti b'taħriġ fl-ewwel għajna ta' kwalità fil-qasam tas-saħħa mentali.
- Jiġi pprovdut trattament inklużiv, li juri rispett u ffinanzjat tajjeb billi jiġu inkorporati servizzi tal-kura tas-saħħa mentali ta' kwalità għolja fl-istituzzjonijiet mediċi kollha.
- L-attenzjoni tiġi ċċentrata fuq miżuri ta' prevenzjoni li jiżguraw li ż-żgħażaġh ikunu mġammra bl-ġharfien u l-ħiliet meħtieġa għal benessri mentali aħjar.
- Tiġi miġġielda l-istigma fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' saħħa mentali billi jiġu żviluppati programmi ta' sensibilizzazzjoni.



6 APPOĠĠ GĦALL-IŻVILUPP TAŻ-ŻGĦAŻAĠH RURALI

Sfond: Minkejja l-impenn wiesa' tal-UE għall-iżvilupp rurali u minħabba l-fatt li sas-sena 2015 kważi terz tal-popolazzjoni tal-UE kienu qed jgħixu f'żoni rurali, jeżistu differenzi prevalenti bejn l-għajxien f'żoni urbani u f'żoni rurali²¹. Għalhekk, huwa importanti li tiġi żgurata l-ugwaljanza għal żgħażaġh f'ambjenti urbani u rurali.

Għan: Jinħolqu kundizzjonijiet li jippermettu liż-żgħażaġh jiksbu l-potenzjal tagħhom f'żoni rurali.

²¹ https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php/Statistics_on_rural_areas_in_the_EU

Miri

- Tiġi żgurata infrastruttura xierqa f'żoni rurali sabiex jiġi provdut il-forniment ekwu ta' servizzi pubbliċi, konnettività tad-data u opportunitajiet ta' akkomodazzjoni għaż-żgħażaġh.
- Jiġi żgurati li fiż-żoni rurali jinħolqu impjiegi sostenibbli u ta' kwalità għolja li jkunu aċċessibbli għaż-żgħażaġh.
- Tiġi żgurata d-deċentralizzazzjoni ta' attivitajiet differenti miż-żgħażaġh, għaż-żgħażaġh u maż-żgħażaġh sabiex tiġi appoġġata l-inklużjoni tagħhom u biex ikunu ta' benefiċċju għall-komunitajiet lokali.
- Jiġi żgurati li ż-żgħażaġh f'żoni rurali qegħdin jipparteċipaw b'mod attiv fil-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet.
- Jiġi żgurati aċċess ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità għolja għaż-żgħażaġh f'żoni rurali.
- Tiġi stabbilita immaġni pożittiva taż-żoni rurali.
- Tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drawwiet rurali.

7 IMPJIEGI TA' KWALITÀ GĦAL KULĦADD



Sfond: Iż-żgħażaġh qed ibatu minn livell għoli ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, kundizzjonijiet ta' xogħol prekarju u abbużiv kif ukoll diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u fuq il-post tax-xogħol. In-nuqqas ta' informazzjoni u ħiliet adatti għall-impjieg futur qed jipprevjenu liż-żgħażaġh milli jintegraw bis-sħiħ fis-suq tax-xogħol. B'hekk jeħtieġ li jittieħdu miżuri sabiex jiġu żgurati impjiegi ta' kwalità għal kulħadd.

Għan: Garanzija għal suq tax-xogħol aċċessibbli b'opportunitajiet li jwasslu għal impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh kollha.

Miri

- Jinħolqu impjiegi ta' kwalità li jiggarantixxu kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, drittijiet tax-xogħol u d-dritt ta' paga li tiggarantixxi l-għajxien għaż-żgħażaġh kollha.
- Jiġu ssalvagwardjati l-protezzjoni soċjali u l-kura tas-saħħa għal ħaddiema żgħażaġh kollha.
- Jiġu ggarantiti trattamenti ġusti u opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha sabiex tintemm id-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol.
- Jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha biex jiżviluppaw il-ħiliet meħtieġa u jiksibu esperjenza Prattika sabiex tittaffa t-transizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol.
- Jiġu żgurati r-rikonnoxximent u l-validazzjoni ta' kompetenzi miksuba permezz ta' internships, apprendistati u forom oħra ta' taġħlim ibbażat fuq ix-xogħol, kif ukoll il-volontarjat u l-edukazzjoni mhux formali.

- Jiġi żgurat l-involvement taż-żgħażaġh u l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh bħala sħab ugwali fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki dwar l-impjiegi fil-livelli kollha.
- Jiġi żgurat aċċess ugwali għal informazzjoni ta' kwalità u mekkaniżmi adegwati ta' appoġġ li jħejju liż-żgħażaġh għas-suq tax-xogħol li qed jinbidel u l-futur tax-xogħol.



8 TAGĦLIM TA' KWALITÀ

Sfond: L-educazzjoni tibqa' kruċjali għaċ-ċittadinanza attiva, soċjetà inklużiva u l-impjegabbiltà. Huwa għalhekk li neħtieġu li nwessgħu l-viżjoni tagħna dwar l-educazzjoni għas-seklu 21, billi niffokaw aktar fuq ħiliet trasferibbli, taġħlim iċċentrat fuq l-istudent u l-educazzjoni mhux formali biex niksbu verament aċċess ugwali u universali għat-tagħlim ta' kwalità.

Għan: Jiġu integrati u mtejbja t-tipi differenti ta' taġħlim, b'mod li jgħammru liż-żgħażaġh għall-isfidi dejjem jinbidlu tal-ħajja fis-seklu 21.

Miri

- Jiġi ggarantit aċċess universali u ugwali għal edukazzjoni ta' kwalità u taġħlim tul il-ħajja.
- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh kollha jkollhom aċċess għall-educazzjoni mhux formali ffinanzjata b'mod adegwat fil-livelli kollha, li hija rikonoxxuta u vvalidata.
- Tiġi promossa mentalità miftuħa u jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ħiliet interpersonali u interkulturali.
- Jinħolqu u jiġu implimentati metodi kooperattivi aktar personalizzati, parteċipattivi, u ċċentrat fuq l-istudent f'kull pass tal-proċess tal-educazzjoni.
- Jiġi garantit li l-educazzjoni tgħammar liż-żgħażaġh kollha b'ħiliet għall-ħajja bħal ġestjoni tal-flus u l-educazzjoni dwar is-saħħa inkluż is-saħħa sesswali u riproduttiva
- Jiġu inkorporati metodi fi ħdan ambjenti edukattivi formali u mhux formali li jippermettu lill-istudent biex jiżviluppa ħiliet personali inkluż il-ħsieb kritiku u analitiku, il-kreattività u t-tagħlim.
- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġh ikollhom aċċess għall-educazzjoni ċivika biex jiġu pprovduti b'għarfien solidu dwar is-sistemi politiċi, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, miksuba ukoll permezz ta' esperjenzi bbażati fil-komunità sabiex tiġi promossa l-parteċipazzjoni ċivili attiva.



9 SPAZJU U PARTEĊIPAZZJONI GħAL KULĦADD

Sfond: Iż-żgħażaġh mhumiex rappreżentati biżżejjed fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet li jaffettwawhom għalkemm l-impenn tagħhom huwa kruċjali għad-demokrazija. Jeħtieġu aċċess għal spazji fiżiċi fil-komunitajiet tagħhom biex jingħata appoġġa għall-iżvilupp personali, kulturali u politiku tagħhom.

Għan: Tissaħħaħ il-parteċipazzjoni demokratika u l-awtonomija taż-żgħażaġħ kif ukoll jiġu pprovduti spazji ddedikati għaż-żgħażaġħ fl-oqsma kollha tas-soċjetà.

Miri

- Jiġi żgurat li ż-żgħażaġħ jistgħu jinfluwenzaw b'mod adegwat l-oqsma kollha tas-soċjetà u l-partijiet kollha tal-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, mit-tfassil tal-aġenda għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni permezz ta' mekkaniżmi u strutturi adatti għaż-żgħażaġħ u aċċessibbli, filwaqt li jiġi żgurat li l-politiki jirrispondu għall-ħtiġijiet taż-żgħażaġħ.
- Jiġi żgurat aċċess ugwali għat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' kuljum għaż-żgħażaġħ kollha minn sfondi differenti.
- Tiżdied il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ u b'hekk ir-rappreżentanza ugwali fil-proċess elettorali kif ukoll fil-korpi eletti u organi oħra fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli kollha tas-soċjetà.
- Jiġu pprovduti faċilitajiet fiżiċi u infrastrutturi mmexxija miż-żgħażaġħ imsejħa spazji għaż-żgħażaġħ definiti billi jkunu awtonomi, miftuħa u sikuri, aċċessibbli għal kulħadd, li joffru appoġġ professjonali għall-iżvilupp u li jiżguraw opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ.
- Jiġu żgurati spazji virtwali u sikuri għaż-żgħażaġħ li jkunu aċċessibbli għal kull zaġġuħ u li jipprovdu aċċess għal informazzjoni u servizzi kif ukoll jiżguraw l-opportunitajiet għall-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ.
- Jiġu żgurati finanzjament sostenibbli, rikonossiment komuni u żvilupp ta' ħidma ta' kwalità fost iż-żgħażaġħ sabiex jissaħħu l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġħ u r-rwol tagħhom fl-inklużjoni, il-parteċipazzjoni u l-edukazzjoni mhux formali.
- Tiġi pprovduta informazzjoni rilevanti, komprensiva u adatta għaż-żgħażaġħ, żviluppata wkoll miż-żgħażaġħ u maż-żgħażaġħ, sabiex tippermetti l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġħ.



10 EWROPA EKOLOĠIKA SOSTENIBBLI

Sfond: *Illum il-ġurnata nikkonsmaw b'mod li l-ambjent tagħna ma jiflaħx għalih. Is-soċjetà jeħtieġ li tiegħu azzjoni kontra l-bidla fil-klima u t-theddid ambjentali li dejjem qed jikber. Iżda s-soċjetà tagħna ma tistax issolvi problema li mhijiex lesta tirrikonossi. Huwa minħabba f'hekk li kulħadd, inkluż iż-żgħażaġħ, għandu jibda jiegħu r-responsabbiltà għall-azzjonijiet tiegħu, u l-impatt fuq il-ħajja tal-ġenerazzjonijiet futuri. Li nsiru sostenibbli mhijiex għażla, iżda obbligu.*

Għan: Tinkiseb soċjetà fejn iż-żgħażaġh kollha jkunu attivi ambjentalment, edukati u kapaċi li jagħmlu differenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.

Miri

- Jiġi żgurat li kulħadd inkluż iż-żgħażaġh jafu l-effett tal-azzjonijiet tagħhom fuq l-ambjent.
- Tingħata s-setgħa lis-soċjetà kollha speċjalment liż-żgħażaġh biex jaġixxu bħala aġenti tal-bidla għall-iżvilupp ambjentali u sostenibbli.
- Jitqies l-impatt ambjentali ta' kull politika u deċiżjoni tal-ħajja filwaqt li jiġi żgurat li iż-żgħażaġh ikunu inklużi fit-tfassil tal-politiki dwar l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha.
- Tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali biex jiġu eliminati l-produzzjoni u l-konsum ta' ħsara għall-ambjent.
- Jiġu appoġġati u msaħħa l-opportunitajiet għaż-żgħażaġh biex jivvolontarjaw fis-settur ambjentali.
- Jiġi żgurat li kulħadd speċjalment iż-żgħażaġh ikollu aċċess għal infrastruttura ekoloġika għal għajxien fi stil ta' ħajja aktar sostenibbli.
- Jiġu estiż r-riċerka u l-innovazzjoni f' soluzzjonijiet u teknoloġiji ekoloġiċi.



11 ORGANIZZAZZJONIJIET TAŻ-ŻGHAŻAĠH U PROGRAMMI EWROPEJ

Sfond: L-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh jinvolve miljuni ta' żgħażaġh biex jappoġġaw iċ-ċittadinanza attiva tagħhom u biex jiżviluppaw il-ħiliet għall-ħajja tagħhom.

Madankollu, l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh għadhom nieqsa minn finanzi adegwati u għadhom nieqsa mir-rikonoxximent u l-aċċessibilità.

Għan: Jiġi żgurat aċċess ugwali għaż-żgħażaġh kollha għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh, filwaqt li tinbena soċjetà bbażata fuq valuri u l-identità Ewropej.

Miri

- Tiġi żgurata l-viżibbiltà u tiġi pprovduta informazzjoni ta' kwalità dwar l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh, liż-żgħażaġh kollha.
- Jiġu żgurati biżżejjed riżorsi mill-programmi tal-UE għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh biex jiżviluppaw proġetti u jaċċessaw appoġġ strutturali biex iwettqu l-missjonijiet tagħhom u biex jappoġġaw il-ħidma tagħhom.

- Jiġi żgurati li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh jkunu rrikonċiljati aħjar mas-sistemi edukattivi u rikonoxxuti bħala atturi li jrawmu ħiliet għall-ħajja u ċ-ċittadinanza attiva.
 - Tiżdied l-aċċessibilità tal-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh, jiġi żgurati proċess amministrattiv adatt għaż-żgħażaġh u jiġi pprovdut appoġġ u informazzjoni ta' kwalità għall-parteċipanti u l-applikanti kollha.
 - Jintlaħqu u jiġu appoġġati ż-żgħażaġh emarġinati biex ikunu attivi f'organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, gruppi taż-żgħażaġh u l-programmi tal-UE dwar iż-żgħażaġh.
 - Jiżdiedu r-riżorsi, u titwessa' l-varjetà ta' għotjiet u diversità ta' inizjattivi disponibbli għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u gruppi taż-żgħażaġh.
 - Tiġi żgurata l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi ta' governanza tal-programmi Ewropej għaż-żgħażaġh.
-

Anness 4 dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ 2019-2021

Konklużjonijiet tal-Kunsill/Rakkomandazzjonijiet/Riżoluzzjoni

Avvenimenti

Rapport Konġunt/Pjan ta' Ħidma

Għodod online/attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari

Gruppi ta' esperti

Proposti tal-Kummissjoni Ewropea

Data	Metodu ta' ħidma/Strument	Mira indikattiva u riżultati	Għanijiet dwar iż-Żgħażaġħ Relatati	Proposta minn
Riżultati Ġenerali				
Darba fis-sena	Pjattaforma tal-Istrateġija tal-UE għaż-żgħażaġh	Għall-inqas darba fis-sena (b'laqgħat mal-partijiet ikkonċernati bejn laqgħa u oħra). Rapport mill-pjattaforma biex jitqassam lil udjenza wiesgħa.	<ul style="list-style-type: none"> • Konnessjoni bejn iż-Żgħażaġħ u l-UE • Soċjetajiet Inklużivi • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv 	COM
RO, FI, HR Triju ta' Presidenzi				
Suġġett ġenerali: "Holkien ta' opportunitajiet għaż-żgħażaġh"				

Nofs l-2019	Grupp ta' esperti dwar l-indikaturi	Indikaturi ta' politika biex jgħinu l-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ	<ul style="list-style-type: none"> • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv 	COM
2019	Grupp ta' esperti dwar is-solidarjetà transkonfinali	Rakkomandazzjonijiet ta' politika biex jintużaw fir-rieżami tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea	<ul style="list-style-type: none"> • Konnessjoni bejn iż-Żgħażaġħ u l-UE • Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej 	DE, (COM)
2019 (l-ewwel nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żieda tal-adattabbiltà taż-żgħażaġh għall-isfidi tal-futur tax-xoġhol		<ul style="list-style-type: none"> • Impjiegi ta' Kwalità għal Kulħadd • Tagħlim ta' Kwalità 	RO

2019 (l-ewwel nofs)	Konferenza/Seminar dwar aċċess ugwali għal impjiegi ta' kwalità għaż-żgħażaġh	Rakkomandazzjonijiet ta' politika mfasslin flimkien maż-żgħażaġh dwar l-iffaċilitar tad-dħul fis-suq tax-xogħol	<ul style="list-style-type: none"> • Impjiegi ta' Kwalità għal Kulħadd • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv 	RO
2019 (l-ewwel nofs)	Programm pilota tad-Delegati taż-Żgħażaġħ tal-UE	Programm pilota fejn rappreżentanti taż-żgħażaġh mill-pajjiż tal-Presidenza attwali jistgħu jipparteċipaw fit-twassil u/jew il-promozzjoni ta' attivitajiet tal-Presidenza fil-qasam taż-żgħażaġh, kemm fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.	<ul style="list-style-type: none"> • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	RO
2019 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ ta' ħaddiema żgħażaġh	Adozzjoni mill-Kunsill Promozzjoni tal-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' ħaddiema żgħażaġh	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv • Tagħlim ta' Kwalità 	FI
2019 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh	Adozzjoni mill-Kunsill Promozzjoni ta' fehim komuni u żvilupp strateġiku tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv • Soċjetajiet Inklużivi 	FI

2020	Żvilupp ta' kors online dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh	<p>Kors online dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh;</p> <p>Disseminazzjoni ulterjuri tal-Manwal dwar Titjib tal-ħidma fost iż-żgħażaġh – il-gwida tiegħek għall-iżvilupp ta' kwalità (2017)</p> <p>Disseminazzjoni ulterjuri tar-rapport tal-grupp ta' esperti dwar L-iżvilupp tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh (2018)</p>	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd • Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv 	COM
2020	Attività ta' taġlim bejn il-pari dwar approċċi transettoralji fil-ħidma fost iż-żgħażaġh	Kompendju ta' eżempji ta' prattika tajba		COM
2020	Studju biex jipproponi sett ta' għodod dwar il-politiki taż-żgħażaġh li jilhqqu l-livell lokali	Żvilupp ta' sett ta' għodod prattiċi mmirati lejn dawk li jfasslu l-politika fil-livell lokali u reġjonali dwar l-indirizzar tal-ħtiġijiet taż-żgħażaġh, b'attenzjoni speċjali fuq sħubijiet transettoralji	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	COM

2020	Grupp ta' Esperti dwar approçè ibbażat fuq id-drittijiet għall-politiki dwar iż-żgħażaġh.	Rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar il-Promozzjoni ta' approçè ibbażat fuq id-drittijiet lejn iż-żgħażaġh	<ul style="list-style-type: none"> • Impjiegi ta' Kwalità għal Kulħadd • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	PT
2020	Attività ta' taġġim bejn il-pari Proġett Konġunt Possibbli mal-Kumitat tar-Reġjuni. Governanza f'diversi livelli u Parteċipazzjoni	It-tiħiħ ta' governanza f' diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteeipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proçessi politiçi u oħrajn ta' teħid ta' deçiżjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u Ewropej	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	PT
2020 (l-ewwel nofs)	(poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Ħidma fost iż-żgħażaġh f'żoni rurali u l-promozzjoni ta' solidarjetà interġenerazzjonali		<ul style="list-style-type: none"> • Appoġġ għall-Iżvilupp taż-Żgħażaġħ Rurali • Soçjetajiet Inklużivi 	HR

<p>2020 (l-ewwel nofs)</p>	<p>(poss.) Konklużjonijiet tal- Kunsill dwar il- Promozzjoni tal- ħidma fost iż- żgħażaġħ billi titqajjem kuxjenza dwar is-settur taż- żgħażaġħ permezz ta' informazzjoni u t- tisħiħ tar-riżorsi</p>		<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	<p>HR</p>
<p>2020 (l-ewwel nofs)</p>	<p>(poss.) suġġett għal matul il-laqgħa tad- DG Promozzjoni tal- intraprenditorija soċjali fost iż- żgħażaġħ</p>		<ul style="list-style-type: none"> • Impjiegi ta' Kwalità għal Kulħadd • Soċjetajiet Inklużivi 	<p>HR</p>

DE, PT, SI Triju ta' Presidenzi

2020 (it-tieni nofs)	Aġġornament tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2008 dwar il-mobbiltà ta' volontiera żgħażaġħ madwar l-Unjoni Ewropea	Adozzjoni mill-Kunsill Tisħiħ tal-potenzjal tal-Programmi Ewropej għaż-Żgħażaġħ biex jilħqu liż-żgħażaġħ u jgħinu biex tinbena komunità.	<ul style="list-style-type: none"> • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd • Konnessjoni bejn iż-Żgħażaġħ u l-UE • Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej 	DE, (COM)
2020 (it-tieni nofs)	Riżoluzzjoni tal-Kunsill "Aġenda dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ" (terminu f'konformità ma' EU-YS finali)	Adozzjoni mill-Kunsill Sommarju/Fużjoni/Konsolidazzjoni ta' azzjonijiet u riżoluzzjonijiet fil-qasam tal-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ fl-Ewropa u l-identifikazzjoni ta' sinerġiji fil-kooperazzjoni mal-Kunsill tal-Ewropa.	<ul style="list-style-type: none"> • Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	DE
Diċ. 2020	It-Tielet Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ	Bidu tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ.	<ul style="list-style-type: none"> • Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej • Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	DE

2020 (it-tieni nofs)	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iż-żgħażaġh u d-demokrazija	Adozzjoni mill-Kunsill	<ul style="list-style-type: none"> Konnessjoni bejn l-UE u ż-Żgħażaġħ Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	DE
2020 (it-tieni nofs)	(poss.) Laqgħa Konġunta tad-DG u Kapijiet tal-Aġenziji Nazzjonali għall-Erasmus+ Żgħażaġħ fl-Azzjoni/Korp Ewropew ta' Solidarjetà	Diskussjoni dwar il-kontribut tal-Programmi l-ġodda tal-UE għaż-Żgħażaġħ li ser jibdew fl-2021 u ser jilhqqu l-għanijiet politiċi tal-Politika tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ.	<ul style="list-style-type: none"> Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej 	DE
2020 jew 2021	(poss.) Eżerċizzju ta' taġlim bejn il-pari dwar il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh		<ul style="list-style-type: none"> Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd Informazzjoni u Djalogu Kostruttiv 	FI
2020-2021	Attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari dwar attivitajiet ta' solidarjetà nazzjonali	Attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari għall-iskambju ta' attivitajiet ta' Prattiki tajba	<ul style="list-style-type: none"> Konnessjoni bejn iż-Żgħażaġħ u l-UE Organizzazzjonijiet taż-Żgħażaġħ u Programmi Ewropej 	COM

Mejju 2021	Seminar Internazzjonali	Edukazzjoni mhux formali u informali b'ħala għodod għall-ħidma maż-żgħażaġh fl-ilħuq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. (poss.) Konklużjonijiet tal-Presidenza	<ul style="list-style-type: none"> Ewropa Ekoloġika Sostenibbli Tagħlim ta' Kwalità 	PT
2021 (l-ewwel nofs)	(poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-politiki dwar iż-żgħażaġh	Adozzjoni mill-Kunsill (b'kunsiderazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess taż-żgħażaġh għal drittijiet għat-trawwim tal-awtonomija u l-parteċipazzjoni taġġhom fis-soċjetà ċivili, 12 ta' Diċembru 2014)	<ul style="list-style-type: none"> Impjiegi ta' Kwalità għal Kulħadd Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	PT
2021 (l-ewwel nofs)	(poss.) Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ ta' governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi politiċi u oħrajn ta' teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli lokali, reġjonali,	Adozzjoni mill-Kunsill Fl-okkażjoni tal-10 anniversarju tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar l-inkoraġġiment ta' forom ġodda u effettivi ta' parteċipazzjoni taż-żgħażaġh kollha fil-ħajja demokratika fl-Ewropa	<ul style="list-style-type: none"> Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd Konnessjoni bejn iż-Żgħażaġħ u l-UE 	PT

	nazzjonali u Ewropej			
2021	Attività ta' taqlim bejn il-pari dwar modi innovattivi dwar il-finanzjament tal-ħidma fost iż-żgħażaġh	Kompendju ta' eżempji ta' prattika tajba	<ul style="list-style-type: none"> Spazju u Parteċipazzjoni għal Kulħadd 	COM
2021 (it-tieni nofs)	Rapport Konġunt tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ	Rapport dwar il-progress li sar matul 2019-2021 fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għaż-Żgħażaġħ, inkluż il-pjan ta' ħidma ta' kull tliet snin		SI, (COM)
2021 (it-tieni nofs)	Il-pjan ta' ħidma 2022-2024			SI
2021 (it-tieni nofs)	Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, Konklużjonijiet tal-Kunsill			SI